MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 275/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ian Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Ian Bonello [detentur ta' karta tal-identita` numru 69375M] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2012, Frar 2012 u Marzu 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Jennifer Zahra u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar priġunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-31 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien tal-ħtija tal-appellant u tirriformaha in kwantu għall-piena erogata u dan billi tipprovdi għall-piena aktar mita u idonea.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

Illi hija il-fehma umli tal-appellant għalkemm l-Ewwel Qorti kienet korretta fis-sejbien tal-ħtija fil-konfront tal-appellant u dan peress li l-manteniment għax-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu, 2012 tħallas tard, il-piena erogata kienet waħda eċċessiva ferm, tenut kont tal-fatt illi l-manteniment dovut kien thallas kollu;

Illi l-parte civile xehdet bil-ġurament illi l-appellant ma ħallashiex għax-xhur ta’ Frar u Marzu, 2012;

Illi l-appellant xehed ukoll u bil-ġurament tiegħu ikkonferma illi fil-fatt huwa kien ħallas dan il-manteniment u dan seta’ jippruvah mill-irċevuti tal-bank li l-appellant kellu miegħu iżda li pero’ ma ġewx esebiti fl-atti tal-kawża;

Illi l-appellant ħallas il-manteniment ghas-sena 2011 u 2012 kif gej:

1. Fit-18 ta’ Jannar, 2011 - Hallas il-manteniment ghax-xhur ta’ Dicembru 2010 u Jannar, 2011 (ara dokument anness u mmarkat bhala ‘Dok.A’);

2. Fis-7 t'April, 2011 — Hallas il-manteniment ghax-xhur ta' Frar, Marzu u April, 2011 (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.B');

3. Fis-17 ta' Gunju, 2011 — Hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Mejju (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.C');

4. Fid-19 t'Awwissu, 2011 — Hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Gunju (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.D');

5. F1-14 ta' Dicembru, 2011 — Hallas il-manteniment ghax-xhur ta' Luiju, Awwissu, Settembru u Ottubru 2011 (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.E');

6. Fil-21 ta' Dicembru, 2011 — Ħallas il-manteniment ta' Novembru u Dicembru 2011 (ara dokument anness u mmarkat bħala 'Dok.F');

7. Fit-13 ta' Marzu, 2012- Hallas il-manteniment ghax-xahar ta' Jannar. 2012 (ara
dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.G');

8. Fit-8 ta' Mejju, 2012 — Hallas il-manteniment ghal Frar u Marzu, 2012 (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.H);

Illi jingħad biss illi l-hlas tal-manteniment b'mod tardiv m'huwiex xi kapriċċ tal-appellant iżda huwa biss minħabba l-klima ekonomika ta' bħal issa li qed tfisser li l-appellant qed ibati minn problemi finanzjarji serji li xi kultant jagħmluha impossibli għalih li jħallas il-manteniment fil-ħin;

Illi fi kwalunkwe kaz, u b'sagrifiċċji kbar, l-appellant dejjem issalda l-manteniment dovut u dak li xehdet il-parte civile f'dawn il-proceduri jista' biss ikun żball jew inkella gidba bil-gurament sabiex titfgħu il-habs;

Illi l-Ewwel Qorti ma kienitx gusta illi qaghdet fuq il-verzjoni tal-fatti tal-parte civile meta l-appellant kellu l-

ircevuti kollha li kienu jippruvaw b'mod car illi fil-fatt il-manteniment kien ħallsu;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-appellant jissottometti illi l-piena ta' xahar detenzjoni hija eċċessiva ghall-ahhar u m'hu se sservi xejn hlief li l-appellant jitlef ix-xoghol tiegħu u jigi f'pozizzjoni li jhallas il-manteniment mhux biss ghal dan il-minuri izda wkoll ghal minuri iehor li l-appellant ghandu minn relazzjoni ohra;

Illi l-appellant jixtieq biss illi l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu tirranġa b'tali mod illi jkun f'pożizzjoni illi jgħix ħajja kif suppost mingħajr l-istress ta' kull xahar dwar jekk hux ser ilaħħaq jew le mal-bżonnijiet tal-ħajja u l-commitments finanzjarji tieghu.

Semgħet li l-appellant kien diga` ħallas għall-manteniment ta' Jannar, 2012.

Rat il-verbal li minnu jirrizulta li l-appellant ħallas kollox.

Għaldaqstant qed tilqa` l-appell rigward il-piena u għalhekk qed tirriforma s-sentenza tat-30 ta' Mejju, 2012 billi tikkonfermaha  fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih iżda qed tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok qed tikkundannah ihallas żewġ ammendi li kumplessivament jammontaw għal €116 (mija u sittax-il Ewro)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------